MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 957/2009

**Sedna Limited u CNDS Limited**

**-vs-**

**John Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ippreżentat fit-2 ta’ Ottubru 2009 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-esponenti huma komproprjetarji ta’ porzjon diviza ta’ art li tinsab fil-Maghtab, limiti tal-Gharghur, tal-kejl superficjali ta’ cirka elfejn metri kwadri, konfinanti mill-majjistral ma’ Saint John Street, mill-punent ma’ sqaq li jaghti ghal fuq l-imsemmija triq, u min-nofsinhar ma’ beni tal-Markiz Apap Bologna, hekk kif murija ahjar delinejata bil-lewn ahmar fuq il-pjanti hawn annessi bhala Dokumenti A u B, liema art kienet giet

akkwistata mill-esponenti bis-sahha ta’ kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 2 ta’ April 1997 (Dok. C).

2. Illi recentementl-intimat beda jivvanta dritt ta’ passagg minn fuq l-imsemmija art, u kien ghal xejn li gie diffidat milli jkompli jippersisti fil-pretensjonijiet tieghu, tant li f’ dawna l-granet, apparti li rega’ beda jaccedi ghal fuq l-imsemmija art, beda anke inehhi sigar tal-bajtar minn fuqha u jwettaq xogholijiet ohra fiha sabiex jifforma moghdija.

3. Illi meta l-intimat gie mitlub iressaq prova konvenzjonali tad-dritt li beda jivvanta, ressaq kopja ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 21 ta’ Gunju 1994 li fih dikjarazzjoni causa mortis tieghu u ta’ hutu ghal dak li jirrigwarda l-assi ereditarji ta’ natura immobbli imhollija minn ommu Grazia Micallef (Dok. D), liema att fl-ebda mod ma jikkostitwixxi servitu’ formali fuq il-proprjeta’ tar-rikorrenti.

4. Illi l-esponenti ghandhom ovvjament interess li l-art proprjeta’ taghhom ma tigix utilizzata fl-ebda mod mill-intimat.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimat ma ghandu l-ebda dritt ta’ passagg minn fuq l-art fuq deskritta proprjeta’ tar-rikorrenti;

2. Tordna u tikkundana lill-intimat sabiex fl-ebda mod ma jidhol fl-istess art fuq deskritta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni pprezentat kontestwalment, kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-intimat debitament notifikat naqas li jirrispondi u li jkun preżenti għas-seduti u għalhekk huwa kontumaċi skond il-liġi;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali, l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni relattiv, u l-verbal tas-seduta tal-21 ta' April 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *negatoria* u ċioe' li permezz tagħha l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenut ma għandux dritt ta' passaġġ fuq il-proprjeta' tagħhom. Huwa magħruf li f'kawża bħal din, l-attur kulma għandu jagħmel huwa li jipprova li huwa proprjetarju tal-art jew fond in kwistjoni; huwa l-konvenut li għandu jipprova li għandu dritt tas-servitu' in kwistjoni.

Illi f'dan il-każ is-soċjeta' ppruvat id-dominju tagħha fuq il-proprjeta' in kwistjoni permezz tal-kuntratti esebiti u li għalihom hemm referenza fir-rikors promotur. Il-konvenut ma ressaq ebda prova u għalhekk it-talba attriċi timmerita li tiġi milqugħa.

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------